MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2016**

Rikors Numru: 1129/15 LM

Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1778/15 fl-ismijiet:

**Saviour Grima [ID 516850M] u Josephine Grima [ID Nru 689950M]**

**vs.**

**Godfrey Formosa [ID Nru 102979M]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Godfrey Formosa** (minn issa ’l quddiem “ir-rikorrent”) ippreżentat fl-1 ta’ Diċembru, 2015 fejn għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*Illi l-mandat ta' sekwestru huwa pależament irritu u malizzjuż stante illi fl-ewwel lok il-konjuġi Grima, minkejja li favur tagħhom għandhom kambjala maturata, ma għandhom ebda kreditu favur tagħhom. Bil-kontra huma għandhom dejn dovut lill-esponent.*

*L-esponent kien oriġinarjament interessat li jakkwista:*

*(a) Ċens ta' 5.5 tumoli ġewwa l-Mellieħa konċess oriġinarjament lil Frisky Farm Limited (operata mir-rikorrenti konjuġi Grima); u*
*(b) Qbiela ta' 280 tomna ta' art aġaċenti li kienet konċessa lill-bint l-intimati Dorian Grima.*

*Għalhekk Godfrey Formosa qabbad lil Grace Borg u Claudio Muscat (ara Dok. 1) bħala sensara sabiex jassistu fl-akkwist tal-art. Dawn laqqgħu lill-esponent mal-intimati Grima li vvantaw il-jeddijiet ta' 5.5 tumoli ċens u 280 tomna qbiela. Fil-fatt huma daħlu fi ftehim għal tali trasferiment (ara Dok. 2). Mat-trapass taż-żmien deher ċar illi t-titolu tal-intimati kien neboluż u addirittura fittizju. Fil-fatt jirriżulta:*

1) *Iċ-ċens kien inħataf mill-Bank kreditur u l-esponent kellu jakkwista dan it-titolu mill-bank u mhux mill-intimati [recte](ara Dok. 3);*
2) *Claudio Muscat ammetta li kien hemm problemi fit-titolu u ħareġ min-negozjati (Dok. 4);*
3) *L-esponent ġie mitlub jiffirma emenda tal-kuntratt oriġinali mal-intimati [recte](li fih però Dorian Grima (l-allegata okkupanta tal-280 tomna qbiela ai termini ta' Dok. 2 kienet assenti) (Dok. 5);*

*Illi fil-jiem li għaddew l-esponenti ħa l-konferma illi Dorian Grima ma għandha ebda titolu kwalunkwe fuq ebda parti tal-art li tagħha issa l-intimati qed jitolbu kumpens bis-saħħa tal-kambjala mertu tal-mandat. Għal dan il-għan ġiet intavolata ittra uffiċjali interpellatorja li permezz tagħha l-esponent talab għar-rexissjoni tal-pattijiet kollha bejn il-partijiet stante li l-intimati [recte] u binthom ma kellhom ebda jedd fuq l-art li bdew jippruvaw ibigħu u jittrasferixxu lill-esponent għal prezzijiet għoljin ħafna.*

*Minkejja dan l-intimati [recte] qed jinsistu għal ħlas ta' flus ai termini ta' kambjala protestata, liema kambjala però hija intrinsikament marbuta mat-trasferiment ta' art mill-intimati [recte] li qatt ma jista' jsir peress illi ma għandhom ebda titolu x'jittrasferixxu. Fil-fatt l-esponent jemmen li dan kien raġġir u apparti passi ċivili huwa wkoll ser jieħu passi kriminali dwar l-akkadut.*

*Illi għalhekk it-talba ta' Saviour u Josephine Grima hija waħda manifestament malizzjuża, frivola u vessatorja u dan ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għalhekk ir-rikorrent [recte] jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha (i) tirrevoka contrario imperio l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 1778/15 u (ii) tordna u tikkundanna lill-intimati jħallsu danni kif kontemplati fis-subartikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u li qed jiġu espressament riżervati, u dan kollu taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati Saviour u Josephine konjuġi Grima.*

Rat ir-Risposta tal-intimati **Saviour Grima u Josephine Grima** (minn issa 'l quddiem "l-intimati") li eċċepew:

1. *Illi primarjament Josephine Grima qatt ma ġiet innotifikata b'dana ir-rikors.*

2. *Illi l-esponenti Saviour Grima ġie ppreżentat bir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru wara li l-istess Saviour Grima u martu Josephine Grima kienu ppreżentaw ittra uffiċjali bin-numru 3806/2015 sabiex irendu kambjala eżekuttiva wara li r-rikorrenti Godfrey Formosa waqaf jagħmel pagamenti minn dina l-kambjala;*

3. *Illi rigward l-allegazzjonijiet li saru fir-rikors promutur dawna ma għandhom l-ebda bażi għal dina l-azzjoni u huwa attentat sabiex l-istess Formosa jipprova jfixkel u sabiex ma jkomplix jonora l-obbligi tiegħu li għamel meta iffirma l-kambjala;*

4. *Illi l-esponenti u martu ma għandhom l-ebda konnessjoni ma' Claudio Muscat u mal-arranġamenti li għamel is-sur Formosa mas-Sur Muscat [Dana rigward Dok 1];*

5. *Illi Dok 2 li ġie ppreżentat kien ftehim bejn Agricentre Malta Limited u Dorian Grima u Frisky Poultry Farm Company Limited fejn wkoll ma għandu l-ebda rilevanza ma' dawn il-proċeduri u lanqas il-kuntratt susssegwenti;*

6. *Illi fil-kuntratt li kien sar fejn Agricentre Malta Limited u l-Gvern ta' Malta kienu dehru wkoll il-konjugi Grima sabiex jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom kollha li kellhom fuq dina l-art li ġiet akkwistata kif intqal qabel minn Agricentre Malta Limited però dana huwa kollu irrilevanti mal-kambjala li hija awtonoma;*

7. *Illi bir-rispett kollu l-kambjala ġiet iffirmata mir-rikorrenti f'ismu personali mingħajr ebda kondizzjonijiet tant li ħallas ammont minnha u għaldaqstant kien irrikonoxxa l-ammont dovut mingħajr problemi ta' xejn u meta ir-rikorrenti daħal f'diversi problemi pprova jġib kull skuża sabiex ma jonorax l-obbligi tiegħu;*

8. *Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***Camilleri vs. Gove et*** *– deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001 b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (ara wkoll is-sentenza fil-kawża* ***Emanuel Sammut vs. Josephine Sammut*** *– deċiża fil-5 ta' Ġunju, 2003).*

9. *Illi l-fatt li l-esponenti intavolaw proċeduri sabiex irrendu kambjala eżegwibbli ai termini ta' Artikolu 253 Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta infatti dana l-mandat kawtelatorju ġie ppreżentat kontestwalment ma' dina l-ittra ai termini tal-artikolu hawn indikat, però b'malizzja r-rikorrenti għamel aċċenn mill-inqas għal dina l-kambjala u għal dina l-ittra u/jew għal kambjala u minflok għamel referenza għal diversi kuntratti li huma kollha legali u indipendenti mill-kambjala li l-istess rikorrenti kien iffirma meta dejjem kien assistit mill-konsulent legali tiegħu li mhux l-istess wieħed li ppreżenta r-rikors għar-revoka;*

10. *Illi b'dawn il-fatti biss wieħed jista' jinduna li dana r-rikors sar b'malizzja minn naħa tar-rikorrenti Godfrey Formosa;*

11. *Illi bir-rispett kollu ċ-ċirkostanzi żgur li ma jirrispjekkawx ir-raġuni għar-revoka ta' dana l-mandat ai termini tal-artikolu 836 (8) (d) u se mai ir-rikors għar-revoka qiegħed issir b'malizzja sabiex ir-rikorrenti ma jonorax l-obbligi tiegħu;*

*Għaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talba għar-revoka l-mandat fl-ismijiet premessi bl-ispejjes kontra r-rikorrenti debitur.*

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1778/15 li ġie allegat mal-atti ta' dan ir-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet u rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għal provvediment.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-kontendenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa rikors għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie pprezentat kontestwalment ma' ittra uffiċjali biex tirrendi eżegwibbli kambjala maħruġa mir-rikorrenti favur l-intimati. Kambjala hija titolu eżekuttiv (Artikolu 253(e) Kap. 12). L-ittra uffiċjali, maħruġa ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, ġiet ippreżentata fiż-17 ta' Novembru, 2015 u nnotifikata lir-rikorrent fit-23 ta' Novembru, 2015.[1] L-eżekuzzjoni ta' kull titolu eżekuttiv bħalma hija kambjala, ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.[2] Għalhekk, l-intimati kellhom titolu eżekuttiv li seta' jiġi eżegwit sa mill-25 ta' Novembru, 2015.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-mandat jiġi revokat *contrario imperio* għaliex isostni li l-kambjala ġiet miksuba b'qerq għaliex tirrappreżenta prezz ta' akkwist ta' ħwejjeġ li l-intimati ma kellhomx titolu validu dwarhom. Waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent ressaq diversi xhieda u pproduċa għadd ta' dokumenti biex jipprova dan l-assunt tiegħu.

Illi b'danakollu, fil-verità dak li qiegħed jipprova jagħmel ir-rikorrent huwa li jitlob it-tħassir tal-mandat billi jattakka l-validità tal-kambjala, li hija titolu eżekuttiv. Issa kif żgur jaf sewwa r-rikorrent, l-eżekuzzjoni ta' kambjala tista'

[1] Fol. 40 u 41.
[2] L-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12.

tiġi **sospiża**[3] biss wara rikors ippreżentat skont id-dispożizzjonijiet tal-provisio tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, fi żmien 20 jum min-notifika tal-ittra uffiċjali biex tirrendi l-kambjala eżegwibbli u wara **jiftaħ kawża**[4], ossia l-*actio cambiaria* skont kif provudut fil-Kodiċi Kummerċjali. Dan hu l-uniku mod kif tista' tiġi attakkata kambjala. Ġaladarba r-rikorrent għażel li ma jużax din l-għodda proċedurali li kellu disponibbli, ma jistax jadduċi l-allegata invalidità tal-kambjala bħala premessa biex jitlob ir-revoka ta' mandat, li, għalkemm kawtelatorju, inħareġ mhux biss fuq mera pretensjoni ta' dritt imma wkoll abbażi ta' titolu eżekuttiv, sia pure li kien qiegħed fil-proċess li jiġi reż eżegwibbli kif fil-fatt ġie.

**Għaldaqstant it-talba tar-rikorrent qiegħda tiġi miċħuda.**

Moqrija.

[3] Emfażi tal-Qorti.
[4] Emfażi tal-Qorti.